# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' April tas-sena 2001.**

**Numru 53**

**Avviz numru 1546/00/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Arnold Sultana u martu Marcelle Sultana**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghal-hlas ta' sitt mija u sitta u sittin u disghin lira Maltin (LM696) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali ta' LM87-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2000 sa Ottubru 2000 rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 t'Ottubru, 2000 jammontaw ghall-LM22 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' socejta' attrici datata 3 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha b'hames mitt lira Maltin (LM500) stante pagament fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-3 t'April tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**